**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Jason Mifsud, detentur tan-numru tal-identità 0354774M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 668/2024*

Illum, 18 ta' Diċembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jason Mifsud** u ċioè talli:

> Nhar it-tieni (02) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ) bejn is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) minn Triq A. Cuschieri, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-
>
> 1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, il-valur ta' liema ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u liema serqa seħħet minn ġewwa l-vettura tal-għamla Toyota Yaris Cross bin-numru tar-reġistrazzjoni GLY440 għad-detriment ta' Agius Trading Ltd u/jew Muhammad Ehtisham Javed u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[1];

[1] Artikoli 20, 261(b)(g), 271(g), 263(a), 264(1), 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Agius Trading Ltd u/jew Muhammad Ehtisham Javed u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);[2]

3. U talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-23 ta' Settembru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

[2] Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-karattru refrattiv tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ. Ma setgħax jonqos li l-Qorti tinduna li r-reati minnu mwettqa ġew xprunati mill-kilba tiegħu għall-vizzju tad-droga, liema vizzju wasslu sabiex jikkometti serq sabiex jiffinanżjaħ.

Il-Qorti tat piż kbir lir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation li hu konċernat minn nuqqas ta' volontà tal-imputat li jindirizza l-problema akuta li hu aflitt biha kemm il-darba hu ma jkunx qed jinżamm f'ambjent kontrollat.

Ittieħed kont ukoll tal-fatt li t-tieni imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għall-ewwel imputazzjoni.

Mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-imputat nstab ħati ta' serq diversi drabi sa mill-2006 w għalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Tenut kont tal-ammissjoni tiegħu l-Qorti ser iżid il-piena bi grad biss minkejja li setgħet iżidha bi tlett gradi.

Finalment il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li l-imputat mhux f'pożizzjoni li jikkumpensa lid-derubat kemm tal-oġġett misruq kif ukoll tal-ħsarat kawżati minnu fuq il-vettura in kwistjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 20, 31, 49, 50, Artikoli 20, 261(b)(g), 263, 264, 265, 271(g), 278(1)(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah għal **erbatax (14) il-xahar priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Agius Trading Ltd u/jew Muhammad Ehtisham Javed għal zmien tlett (3) snin millum.

A tenur tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna li l-imputat jingħata <u>Ordni ta' Trattament għal tlett (3) snin</u> sabiex jegħleb il-problema tad-droga.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**